Qorti Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Att tal-Akkuza Nru. 39/2009

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Omissis

Romeo Bone

Illum 30 ta' Novembru, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-att tal-akkuza nru39 tas-sena 2009 migjuba kontra l-imsemmija omissis u Romeo Bone, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 195376M fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap ippremetta:

Illi f'Diċembru tas-sena elfejn u wieħed (2001), il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga ġew infurmati li kienu qed isiru arranġamenti sabiex jiġu impurtati ġewwa Malta mill-Olanda ammonti konsiderevoli tad-droga kokajina u cannabis, it-tnejn li jitqiesu bħala sustanza illegali ai fini tal-liġijiet tagħna, u dan ai fini li jiġu ttraffikati. Jirriżulta li kien hemm diversi persuni, xi uħud minnhom li kienu ġol-ħabs ta' Malta, li kienu involuti fl-operat tal-kuntatti u tal-arranġamenti sabiex dan isseħħ. Fosthom kien hemm l-akkużati kif hawn imsemmija.

Illi waqt l-investigazzjonijiet, irriżulta li meta bdew isiru t-trattativi meħtieġa bejn diversi persuni ai fini ta' din l-azzjoni illegali, *Omissis*, li f'dak iż-żmien kien detenut ġewwa l-faċilita' korrettiva ta' Kordin, beda jikkomunika ma' persuna jew persuni sabiex jiġu fornuti ammonti kbar tad-droga kokajina u cannabis, bl-iskop li din tiġi importata f'Malta u dan ai fini ta' traffikar tal-istess f'pajjizna. Hu kien ikkomunika wkoll ma' persuni oħra f'Malta sabiex isiru xi trasferimenti bejn persuna u oħra ta' flejjes konsiderevoli, liema komunikazzjonijiet kienu kollha intiżi għall-istess għan u ai fini ta' dan il-pjan maħsub. Jidher ukoll li l-akkużat *Omissis* kien ta struzzjonijiet speċifiċi sabiex is-somma ta' għaxart elef Liri Maltin (Lm10,000) illum ekwivalenti għall tlieta u għoxrin elf mitejn tlieta u desgħin Euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73), tgħaddi minn id persuna għall-oħra, liema flus kienu intiżi bħala

pagament għall-parteċipazzjoni u kontribuzzjoni ta ' tlett persuni oħra involuti f'din l-organizazzjoni kriminali u liema pjan kien intiż ai fini tal-importazzjoni u traffikar ta' droga llegali f'pajjizna.

Fortunatament id-diversi membri ta' din l-organizazzjoni kriminali, ġew arrestati qabel ma' ġie finalizzat għall-kollox dan il-pjan maħsub, filwaqt li l-akkużat *Omissis* ġie interrogat u sussegwentement tressaq il-Qorti dwar l-involviment tiegħu f'din l-organizazzjoni kriminali.

Illi b'għemilu l-akkużat *Omissis* sar ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffikaw mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċazzjoni.

Illi bis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs *Omissis* datat is-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elf disgħa mija tmienja u desgħin (1998), l-akkużat *Omissis* instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi *Omissis*, reċidiv f'delitt, ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organiżża jew iffinanżja din l-assoċazzjoni; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' prġunerija għal għomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500), u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A) (1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 49, 50, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fit-tieni kap ipremetta:

Illi waqt l-investigazzjonijiet li bdew f'Diċembru tas-sena elfejn u wieħed (2001), u minħabba n-natura taċ-ċirkostanzi kif imsemmija fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża, irriżulta li persuna oħra involut konxjentement f'din l-organizazzjoni kriminali kien Romeo Bone, qua ko-akkużat li nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn (2002) u ai fini tal-pjan maħsub ma diversi persuni oħra, fosthom l-akkużat *Omissis*, qabad titjira lejn Amsterdam fl'Ollanda flimkien ma persuni oħra li kienu wkoll involuti f'dawn l-arranġamenti kriminali, bl-iskop li jixtri

u jniżżel is-sustanżi illegali minn persuna magħrufa lilu għal dan il-għan minn ġewwa l-Ollanda stess, u liema droga kellha titniżżel permezz ta' vettura lejn Sqallija sabiex tiġi trasferita minn hemmhekk permeżż ta' dagħjsa lejn xtutna. Irriżulta wkoll li Romeo Bone kien anki iltaqa u kkomunika ma persuni oħra f'din l-organiżazzjoni, sabiex jagħmel l-arranġamenti u l-komunikazzjonijiet meħtieġa ai fini tal-finalizzazjoni tal-pjan maħsub, u cioe' ai fini tal-importazzjoni u tat-traffikar tal-istess droga f'Malta. Jirriżulta li filfatt ix-xiri ta' din id-droga kienet ġiet effetwata minn Romeo Bone li kienet tikkonsisti minn erba' pakketti kontenenti id-droga kokajina fl-ammont ta' erba' kilos (4kg) kif ukoll mija u sittin gramma (160grms) tal-Cannabis. Dawn is-sustanżi huma regolati mill-liġijiet tagħna u jitqiesu bħala sustanżi perikolużi u llegali ai fini tal-istess. Fortunatament pero', d-diversi membri ta' din l-organizazzjoni kriminali, fosthom Romeo Bone, ġew arrestati qabel ma' ġie finalizżat għall-kollox dan il-pjan maħsub, u dan in vista tal-involviment tiegħu f'din l-organizazzjoni kriminali.

Illi b'għemilhu l-imsemmi Romeo Bone sar ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċazzjoni.

Illi b'diversi sentenżi mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Romeo Bone u Pulizija vs Joseph Bone u Romeo Bone, datati l-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn (2000) u l-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000) rispettivament, l-akkużat Romeo Bone instab ħati ta' diversi reati.

Illi in oltre permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn (2000), l-akkużat Romeo Bone kiser l-kundizzjoni imposta taħt l-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 (l-Ordinanza dwar il-Probation) li ma' jikkomettix reat ieħor fil-perijodu operattiv tal-probation u ċioe` fi żmien tlett snin (3 snin) mid-data tas-sentenża.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Romeo Bone, reċidiv f'delitt, ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina u droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkonstitwixxa, organiżża jew iffinanżja din l-assoċazzjoni; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġu kkundannat għal piena ta' prġunerija għal għomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500), u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14,

15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A) (1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 49, 50, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti, kemm dawk prezentati fl-istruttorja kif ukoll quddiem din il-Qorti.

Rat in nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat Romeo Bone pprezentata fis-16 ta' Novembru, 2009, fejn eccepixxa is-segwenti:

1. Il-kawza msemmiija fl-att tal-akkuza ma tistax titkompla fil-konfornt tal-esponent in kwantu gia' gie misjub hati jew illiberat fuq l-istess mertu;
2. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, in-nullita ta' l-att tal-akkuza in kwantu jezisti difett fl-atti tal-kumpilazzjoni konsistenti fin-nuqqas ghal-kollox tad-decizjoni li tiddikjara li l-esponent ghandu jitqieghed taht att ta' akkuza, u dan ai termini tas-subinciz (4) tal-artikolu 597 tal-Kodici Kriminali;
3. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, in-nullita' tal-att ta' akkuza in kwantu ma hemmx in-ness mehtieg fl-artikoli 591 *et. Seq* tal-Kodici Kriminali sabiex l-esponent jigi akkuzat fl-istess att ta' akkuza ma Mario Camilleri;
4. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet, l-inammissibilita' tad-dokumenti NH67, NH68 u NH69 esebiti minn Herbert Agius in kwantu ma gewx mehuda skond il-ligi u l-inammissiblita' konsegwenti tax-xhieda tal-istess Herbert Agius in kwantu bbazata esklussivament fuq l-imsemmija dokumenti;
5. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet, l-inamissibilita' tad-dokumenti NH75, NH76, NH77, NH78, NH79, NH80, NH81 u NH82 esebiti minn Alphonse Cauchi in kwantu dawn id-dokumenti huma pprotetti bl-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap. 440 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-inammissibilita' konsegwenti tax-xhieda tal-istess Alphonse Cauchi in kwantu bbazata esklussivament fuq l-imsemmija dokumenti kif ukoll peress li x-xhud ma ghandu ebda dritt u awtorita' bhala Head of Security tal-Air Malta jaghti l-informazzjoni mghitja minnu fil-kumplilazzjoni;
6. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet, l-inamissibilita' tar-relazzjonijiet ta' Veronica Aquilina in kwantu jikkostitwixxu hearsay evidence u l-konsegwenti inamissibilita' tax-xhieda ta' Veronica Aquilina in kwantu bbazata esklussivament fuq l-imsemmija relazzjonijiet;
7. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet, l-inamissibilita' tal-istqarrijiet ta' Anthony Gatt, Isaac Chetcuti, Juma Said Karfoosh, Yvette Muscat, Trudy Testa, Charles Steven Muscat, Emanuel Camilleri, John Camilleri, Suzanne Abela, Alfred Bugeja, Albert Bugeja, Noel Borg, Daniel-Victor Bonnici, Carmen Armeni, Sylvana Bugeja, Emanuela sive Mona Camilleri, Pierre Camilleri u Mario Camilleri;

8. Minghajr pregudizzju ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet, l-inamissibilita' tal-folios tal-atti tal-kumpilazzjoni indikati mill-Avukat Generali fil-kwezit (f) tar-rinviju tieghu tal-10 ta' Gunju, 2009 in kwantu mhux iffirmati/kontro-firmati mill-Magistrat.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Lulju 2016 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza limitatament fuq l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-akkuzat Romeo Bone.

Fliet l-atti tal-kumpilazzjoni limitatament biex tindaga dwar l-eccezzjoni li trd tigi deciza.u cioe' l-eccezzjoni dwar in-*ne bis in idem*.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat.

Illi din id-decizjoni tolqot l-ewwel eccezzjoni imqanqla mill-akkuzat Romeo Bone, meta jishaq illi dan il-kaz ma jistax jitkompla fil-konfront tieghu billi huwa diga gie misjub hati jew illiberat fuq l-istess mertu minn qorti ohra. Fil-fatt flimkien man-nota ta'l-eccezzjonijiet tieghu, l-akkuzat jipprezenta kopja legali ta' sentenza moghtija mit-Tribunale di Catania datata 20 ta' Frar 2009.

L-akkuzi imressqa konta l-akkuzat quddiem it-tribunal ta' Catania jaqraw hekk:

Imputato:

A) Del delitto p.e.p. dagli artt. 110, 81 c.p. 73 co.1°T.U.n. 309/90, per avere in concorso con Borg Raymond e Psaila Fabio (per cui si procede speratamente) ed altri correi allo stato non identificati, acquistato, importato dall'Olanda, trasportato e detenuto, allo scopo di cederla a terzi Kg. 4.160 (pari a dosi comprese tra 9.638 – 11565) di sostanza stupefacente del tipo cocaina, di cui alla tabella 1^ prevista dall'art.14 del citato D.P.R.

Accertato in Catania fino al 30.05.2002

B) del delitto p. ep. Dall'art. 110, 81 c.p, e 73 co. 1°e 4° T.U, n.309/90 per avere, in concorso con Borg Raymond e Psaila Fabio (per cui si procede speratamente) con piu' azioni esecutive del medesimo disegno crimonoso, illecitamente acquistato, importato dall'Olanda e detenuto also scopo di cederla a terzi gr. 826 (pari a dosi tra 1258 – 1888) di sostanza stupefacente del tipo marijuana di cui alla tabella II prevista dall'art. 14 del citato D.P.R.

Accertato in Catania fino al 30.05.2002

Jidher mill-fattispecje tal-kaz illi l-akkuzat flimkien ma' diversi nies (uhud diga gew ipprocessati u ohrajn le) allegatament fthiemu sabiex tigi importata id-droga gewwa Malta. Dan il-ftehim sehh kollu kemm hu hawn Malta tant illi l-pulizija maltija intercettat lill-persuni involuti f'din l-assocjazzjoni kriminali, uhud minnhom sahansitra kienu jinsabu inkarcerati fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Id-droga kellha tingieb mill-Olanda, tigi mehuda l-Italja precisament gewwa Catania, fejn minn hemmhekk kellha tigi ittrasporata lejn Malta. Jidher illi l-akkuzat allegatament kien involut fl-akkwist u t-trasport ta' din id-droga u dan f'zewg okkazzjonijiet distinti, bl-ewwel okkazzjoni allegatament l-akkwist ma jirnexxiex minhabba nuqqas ta' finanzi u fit-tieni okkazzjoni huwa flimkien ma' terzi allegatament jakkwista d-droga u jidhol l-Italja biha, izda billi kien hemm suspett illi l-pulizija taljana kienet qed issewgi lilu u lin-nies l-ohra li kienu mieghu mal-wasla taghhom gewwa Catania, u dan fuq informazzjoni mghoddija lill-pulizija taljana mill-investigaturi maltin, id-droga inhbiet hemmhekk u madwar xahar wara, fit-30 ta' Mejju 2002, Fabio Psaila u certu Raymond Borg telghu Catania biex jehduha minn din il-mohba u igibuha lejn Malta. Gara izda li minn informazzjoni mghoddija lilhom mill-pulizija maltija, l-investigaturi taljani irnexxielhom jirrintraccaw l-post fejn kienet din il-mohba u issostitwew id-droga b'materjal iehor ippakkeggjat bl-istess mod. Meta allura Borg u Psaila marru biex jirtiraw din id-droga mill-mohba taghha huma gew intercettati mill-pulizija taljana li kienet qed taghmlilhom l-ghassa u gew arrestati. Jidher illi abbazi ta' dina l-operazzjoni ta' assocjazzjoni bejn diversi nies sabiex tigi importata d-droga gewwa Malta bil-ghan li tigi ittraffikata, inbdew proceduri penali kontra l-akkuzat u l-komplici tieghu gewwa Malta. Jidher illi fil-kors ta' dawn il-proceduri, u precisament fis-sena 2002, intallbet l-estradizzjoni ta' Bone mill-awtoritajiet taljani[1] sabiex jiffaccja l-akkuzi kriminali surriferiti, liema estradizzjoni madanakollu jidher illi qatt ma sehhet billi kienu ghadhom ghaddejjin il-proceduri f'Malta. Izda ghal xi raguni li ma gietx spjegata mill-ebda wahda mill-partijiet u li ma tirrizultax mill-atti, matul il-kors tal-kumpilazzjoni u precisament fit-18 ta' Jannar 2008, inhareg mandat ta' arrest ewropew fil-konfront ta'l-akkuzat, bl-Avukat

[1] Ara ordni esebieta a fol. 61 datata 13 ta' Gunju 2002

Generali lanqas jindika fil-kors ta' dawn il-proceduri jekk fil-fatt l-awtoritajiet gudizzjarji f'pajjizna kenux effettivament ordnaw it-treggiegh lura lejn l-Itajla ta' Bone. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm jidher illi kienu inbdew proceduri penali kontra l-akkuzat gewwa l-Italja, dana il-fatt ma jinsabx rifless fil-verbali ta'l-istruttorja bl-akkuzat jattendi dejjem u regolarment ghas-seduti quddiem il-Qorti Istruttorja. Jidher, minkejja dan illi gew inizjati proceduri quddiem it-Tribunal ta' Catania kontra l-akkuzat li b'sentenza datata 20 ta' Frar 2009 illiberatu mill-akkuzi surriferiti imputati lilu quddiem dik il-Qorti u dan fuq nuqqas ta' provi. Sussegwentement imbaghad fil-15 ta' Ottubru 2009, maghluqa l-atti kumpilatorji, inharrget l-Att ta'l-Akkuza bl-akkuzat jiffaccja imputazzjoni wahda u cioe' dik tar-reat ta'l-assocjazzjoni ma' persuni ohra bil-hsieb li tigi importata u ittraffikata id-droga f'Malta.

Ikkunsidrat,

Illi l-principju tan-*ne bis in idem* jinsab imhaddan mhux biss fid-dritt penali taghna u cioe' fil-Kodici Kriminali izda ukoll fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Illum bis-shubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja dan il-principju jinsab imhaddan ukoll fl-artikolu 50 tac-Charter of Fundamental Rights of the European Union li jaqra hekk:

**"L-ebda persuna ma tista' terġa' tkun ipproċessata jew ikkundannata għal reat li għalih tkun diġà instabet mhux ħatja jew ikkundannata fl-Unjoni b'sentenza li daħlet in ġudikat skond il-liġi**.

Illi ukoll l-artikolu 54 tal-Konvenzjoni Schengen (14 June 1985 il-Konvenzjoni ghall-Implimentazzjoni tal-Ftehim Schengen KIFS) jistipula:

**"Persuna li l-każ tagħha jkun inqata' b'mod finali f'Parti Kontraenti waħda ma tistax tiġi mixlija f'Parti Kontraenti oħra għall-istess azzjonijiet sakemm, jekk tkun ġiet imposta penali, din tkun ġiet infurzata, tkun fil-fatt fil-proċess li tiġi infurzata jew ma tkunx tista' tiġi infurzata iżjed taħt il-liġijiet tal-Parti Kontraenti fejn tkun ingħatat is-sentenza."**

Issa fil-kazijiet fejn hija involuta id-droga imbaghad l-Artikolu 71 tal-KIFS, li jagħmel parti mill-Kapitolu 6, intitolat "Drogi Narkotiċi", ta' l-istess Titolu III, jipprovdi:

**"1. Il-Partijiet Kontraenti jimpenjaw ruħhom li fir-rigward tal-bejgħ dirett jew indirett ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi ta' kull tip, inkluża kannabis, u l-pussess ta' prodotti bħal dawn għall-bejgħ jew għall-esportazzjoni, jadottaw b'mod konformi mal-Konvenzjonijiet eżistenti tal-Ġnus Magħquda [Konvenzjoni Unika dwar Drogi Narcotici ta' l-1961 kif emendata mill-protokoll ta' l-1972 li emenda l-Konvenzjoni Unika dwar Drogi Narkotici ta' l-1961 u l-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda kontra it-traffikar illeċitu ta' Drogi Narcotici u Sostanzi Psikotropiċi ta' l-20 ta' Diċembru 1988] il-miżuri kollha meħtieġa sabiex wieħed jipprevjeni u jikkastiga it-traffikar illeċitu ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi.**

**2. Il-Partijiet Kontraenti jimpenjaw ruħhom li jipprevjenu u jikkastigaw permezz ta' miżuri amministrattivi u penali l-esportazzjoni illegali ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi, inkluża l-kannabis, kif ukoll il-bejgħ, il-provvista u l-għoti ta' dawn il-prodotti u sustanzi, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-Artikoli 74, 75 u 76.**

**….**

**5. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jagħmlu l-almu tagħhom kollu sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-effetti negattivi li jirriżultaw mid-domanda illeċita għal drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi ta' kull tip, inkluża l-kannabis. Kull Parti Kontraenti għandha tkun responsabbli għall-miżuri adottati għal dawn il-finijiet."**

Imbaghad Skond l-Artikolu 36 tal-Konvenzjoni Unika dwar Drogi Narkotiċi ta' l-1961, kif emendata bil-Protokoll ta' l-1972 li issir referenza ghaliha fl-artikolu 71 hawn fuq iccitat:

**1a) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet kostituzzjonali tagħha, kull Parti għandha tadotta l-miżuri neċessarji sabiex il-koltivazzjoni u l-produzzjoni, il-manifattura, l-estrazzjoni, il-preparazzjoni, il-pussess, l-offerta, l-offerta għall-bejgħ, id-distribuzzjoni, ix-xiri, il-bejgħ, il-kunsinna, taħt kwalunkwe forma, is-sensarija, id-dispaċċ, l-ispedizzjoni in transitu, it-trasport, l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' drogi narkotiċi mhux konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni, jew kull azzjoni oħra li, fl-opinjoni ta' din il-Parti, tmur kontra d-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni, jkunu kkunsidrati bħala reati, meta dawn isiru intenzjonalment u li reati gravi jkunu punibbli b'piena adegwata, b'mod partikolari b'pieni ta' priġunerija jew b'pieni oħra li jċaħdu mill-libertà.**

**2. Bla ħasra għad-dispożizzjonijiet Kostituzzjonali ta' kull Parti, għas-sistema ġuridika tagħha u għal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha,**

**a) i) Kull wieħed mir-reati elenkati fil-paragrafu 1 għandu jiġi kkunsidrat bħala ksur distint, jekk dawn jitwettqu f'pajjiżi differenti;"**

Illi il-Qorti Ewropeja fil-kaz ***Leopold Henri Van Esbroeck***, li kien jitratta kaz analogu dwar importazzjoni u traffikar ta' droga, tat din l-interpretazzjoni ta'l-*Idem* u dan wara li ghamlet ezami ta' dan il-qafas legislattiv:

**"27 Madankollu, minn naħa, jirriżulta mill-kliem ta' l-Artikolu 54 tal-KFS, li juża t-termini "għall-istess azzjonijiet", li din id-dispożizzjoni hija intiża biss għall-materjalità tal-fatti in kwistjoni u mhux tal-klassifikazzjoni ġuridika tagħhom.**

**28 Għandu jiġi kkonstatat ukoll li t-termini użati f'dan l-Artikolu jiddistingwu lilhom infushom minn dawk li jinsabu fi ftehim internazzjonali oħra li jistabbilixxu l-prinċipju *ne bis in idem*. Fil-fatt, kuntrarjament għall-Artikolu 54 tal-KFS, l-Artikolu 14(7) tal-Ftehim Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, kif ukoll l-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jużaw il-kunċett ta' "reat" li jimplika r-rilevenza tal-kriterju tal-klassifikazzjoni ġuridika tal-fatti bħala kundizzjoni għall-applikazzjoni tal-prinċipju *ne bis in idem* stabbilit minn dawn l-aħħar trattati.**

**29 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi mfakkar, kif il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstat fil-punt 32 tas-sentenza Göżütok u Brügge, tal-11 ta' Frar 2003 (C-187/01 u C-385/01, Ġabra p. I-1345), li ebda dispożizzjoni tat-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-kooperazzjoni mill-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f' materji kriminali, fejn l-Artikoli 34 u 31 tagħhom ġew indikati bħala li jikkostitwixxu l-bażi legali ta' l-Artikoli 54 sa 58 tal-KFS, tal-Ftehim ta' Schengen, jew tal-KFS stess ma jissoġġettaw l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 54 tal-KFS għall-armonizzazzjoni jew, ta' l-anqas, għall-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet kriminali ta' l-Istati Membri.**

**30 Il-prinċipju *ne bis in idem*, stabbilit f'dan l-aħħar Artikolu, jimplika neċessarjament li teżisti aspettativa reċiproka ta' l-Istati kontraenti fir-rigward tas-sistemi ġuridiċi kriminali rispettivi tagħhom u li kull wieħed minn dawn l-Istati jaċċetta l-applikazzjoni tal-liġi kriminali fis-seħħ fl-Istati kontraenti l-oħra, anki meta l-implementazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu twasslu għal soluzzjoni differenti (sentenza Göżütok u Brügge, iċċitata iktar 'il fuq, punt 33).**

**31 Minn dan jirriżulta li l-eventwalità ta' klassifikazzjoni ġuridika diverġenti ta' l-istess fatti f'żewġ Stati kontraenti differenti ma tistax tkun ta' ostaklu għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 54 tal-KFS.**

32 Għall-istess raġunijiet, il-kriterju ta' l-identiċità ta' l-interess ġuridiku protett ma jistax jiġi aċċettat, peress illi dan jista' jvarja minn Stat kontraenti għall-ieħor.

33 Dawn il-konstatazzjonijiet huma sostnuti wkoll mill-iskop ta' l-Artikolu 54 li huwa intiż sabiex jevita li persuna, minħabba l-fatt li teżerċita d-dritt għall-moviment liberu tagħha, tista' tkun is-suġġett ta' proċedimenti kriminali fir-rigward ta' l-istess azzjonijiet fuq it-territorju ta' bosta Stati kontraenti (sentenzi Gözütok u Brügge, iċċitata iktar 'il fuq, punt 38, kif ukoll ta' l-10 ta' Marzu 2005, Miraglia, C-469/03, Ġabra p. I-2009, punt 32).

34 Kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 45 tal-konklużjonijiet tiegħu, dan id-dritt għall-moviment liberu huwa ggarantit b'mod effettiv biss jekk l-awtur ta' att jaf li, ladarba jkun ikkundannat u jkun skonta l-piena tiegħu, jew, jekk ikun il-każ, wara li jkun ġie meħlus b'mod definittiv fi Stat Membru, huwa jista' jiċċaqlaq ġewwa t-territorju Schengen mingħajr biża' li jitmexxew proċedimenti kriminali kontrih fi Stat Membru ieħor għar-raġuni li dan l-att jikkostitwixxi reat distint fis-sistema legali ta' dan l-aħħar Stat Membru.

35 Minħabba n-nuqqas ta' armonizzazzjoni tal-liġijiet kriminali nazzjonali, kriterju bbażat fuq il-klassifikazzjoni ġuridika tal-fatti jew fuq l-interess ġuridiku protett jkun ta' natura li joħloq l-istess numru ta' ostakli għall-moviment liberu fit-territorju Schengen daqskemm jeżistu sistemi penali fl-Istati kontraenti.

36 F'dawn il-kundizzjonijiet, l-uniku kriterju rilevanti għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 54 tal-KFS huwa dak ta' l-identiċità ta' l-azzjonijiet materjali, mifhuma bħala l-eżistenza ta' ġabra ta' ċirkostanzi konkreti inseparabbilment marbuta bejniethom.

37 Fir-rigward b'mod aktar partikolari ta' sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, għandu jiġi kkonstatat li hija tista' tikkostitwixxi, bħala prinċipju, ġabra ta' azzjonijiet li, minħabba n-natura tagħhom stess, huma inseparabbilment marbuta.

38 Madankollu, kif ġustament osserva l-Gvern Olandiż, l-evalwazzjoni finali hija kompetenza tal-qrati nazzjonali kompetenti li għandhom jiddeterminaw jekk il-fatti materjali in kwistjoni jikkostitwixxu ġabra ta' azzjonijiet inseparabbilment marbuta fiż-żmien, fl-ispazju kif ukoll mill-iskop tagħhom.

39 Kuntrarjament għal dak li jallega l-Gvern Slovakk, din l-interpretazzjoni mhijiex affettwata mill-Artikolu 71 tal-KFS li jipprevedi l-adozzjoni, mill-Istati kontraenti, tal-miżuri kollha neċessarji għall-ġlieda kontra t-traffikar illegali ta' drogi narkotiċi.

40 Kif ġustament sostna l-Gvern Olandiż, il-KFS ma jipprevedix ordni ta' prijorità bejn id-dispożizzjonijiet differenti, u, barra minn hekk, l-Artikolu 71 ta'

**din il-Konvenzjoni ma fih ebda element li jipprova jillimita l-kamp ta' applikazzjoni ta' l-imsemmi Artikolu 54 li jistabbilixxi, fit-territorju Schengen, il-prinċipju *ne bis in idem*, rikonoxxut bħala prinċipju fundamentali tad-dritt Komunitarju mill-ġurisprudenza (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2002, Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni, C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, Ġabra p. I-8375, punt 59).**

**41 Minn dan jirriżulta li r-referenza magħmula għall-Artikolu 71 tal-KFS għall-Konvenzjonijiet eżistenti tal-Ġnus Magħquda ma tistax tiġi kkunsidrata bħala li tostakola l-applikazzjoni tal-prinċipju *ne bis in idem* stabbilit fl-Artikolu 54 tal-KFS li jipprojbixxi biss il-pluralità ta' proċedimenti kontra persuna għall-istess azzjonijiet mingħajr ma għaldaqstant iwassal għal sitwazzjoni fejn xi azzjonijiet ma ma jibqgħux jikkostitwixxu reati fit-territorju Schengen.[2].”**

Illi stabbiliti dawn il-principji ta' dritt ewropew in materja iqum id-dibattitu li ta sikwit isib ruhu f'hogor kemm il-qrati lokali kif ukoll dawk fuq livell ewropew dwar dak li ghandu jikkostitwixxi l-“idem” u cioe' jekk huwiex il-process gudizzjarju mill-gdid dwar l-istess 'reat jew reati' jew inkella dwar l-istess 'fatti' jew 'azzjonijiet', u allura il-kwistjoni dwar liema ligi hija applikabbli issa meta Malta hija Stat Membru ta'l-Unjoni Ewropeja. Dan ghaliex anke fil-ligi penali taghna u fil-jedd imhares mill-Kostituzzjoni tinsorgi din id-distinzjoni kif ukoll f'dak dikjarat fir-raba artikolu tas-Seba Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi l-artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra testwalment;

“*Wara sentenza li f'kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan ma jistax <u>ghall-istess fatt</u> ikun soggett ghal kawza ohra*.”

Dana jippostula zewg elementi importanti u cioe' fl-ewwel lok irid ikun hemm sentenza fejn l-individwu jigi illiberat mill-akkuzi u fit-tieni lok illi l-persuna ma tigix sottoposta ghal proceduri godda dwar l-istess fatt u mhux l-istess reat, kuntrarajament ghal jedd imhares mill-kostituzzjoni u il-Konvenzjoni Ewropeja li jitkellmu dwar “ir-reat”[3].

[2] (*Leopold Henri Van Esbroeck*, Case C-436/04, 9 March 2006)
[3] Ara artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni

Wiehed allura jistaqsi b'liema kejl ghandha tigi deciza l-eccezzjoni ta *ne bis in idem*, hux jekk bil-fatt illi il-gudikabbli ikun gie ipprocessat dwar l-istess fatti jew jekk ikunx gie hekk ipprocessat dwar l-istess reati. Dan huwa il-kwezit legali li qed jigi sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti, ghaliex filwaqt li id-difiza tikkontendi illi l-fatti li dwarhom l-akkuzat gie ipprocessat gewwa it-tribunal ta' Catania huma l-istess bhal dawk li issa qed jiffaccja permezz tal-presenti istanza, l-Avukat Generali minn naha tieghu jirribatti illi ghalkemm uhud mill-fatti huma identici, madanakollu dan il-kaz idur madwar fatti ohra li ma ingiebux a konjizzjoni ta' dak it-tribunal oltre ghal fatt illi l-akkuzi huma differenti bl-akkuzat jigi ipprocessat gewwa Catania ghar-reat tat-traffikar u importazzjoni ta' droga filwaqt illi bil-presenti istanza huwa qieghed jiffaccja l-akkuza dwar assocjazzjoni ghall-importazzjoni u traffikar ta' droga.

Issa l-qrati taghna dejjem applikaw it-test biex wiehed jistabbilixxi jekk hix applikabbli l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem,* bhala dak citat fid-decizjoni "**Sua Maesta' il-Re versus Agata Mifsud e Carmelo Galea"** [15.6.1918] u cioe' fejn intqal li :

"*un criterio pratico non meno che ragionale per determinare se ad un dato caso si applichi la regola "non bis in idem" e' quello appunto affermato dalla giurisprudenza ed accolto dalla dottrina giuridica in Inghilterra .* ***"The true test by which the question whether such a plea (i.e. Autrefoit acquit) is a sufficient bar in any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second indictment would have been sufficient to prove a legal conviction upon the first."***[4]

Illi s-sentenza taghmel esposizzjoni tajba ta' dana il-principju kif jinsab imhaddan fil-ligi taghna kemm penali kif ukoll kostituzzjonali hija dik moghtija mill-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin.[5]

"... Il-principju tan-*ne bis in idem* imhares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun ghaddiet minn process dwar reat, m'ghandha qatt terga' tghaddi minn process iehor **dwar tali reat jew dwar reati ohra li setghet tinstab hatja dwarhom fl-ewwel process**. .... Illi dana is-subartikolu fil-Kostituzzjoni jaghti harsien usa lil-persuna mixlija minn dak moghti mill-artikolu 527 tal-Kodici

[4] Qorti ta'l-Appell Kriminali (per Imhallef Galea Debono) deciza fis-17 ta' Marzu 2008 fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Nicolai Magrin

[5] sentenza deciza is-26 ta' Marzu 2009.

Kriminali, sewwasew ghaliex jgholli l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* ghall-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali ghandha l-jedd tirrikorri ghall-protezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali."

Kif mistqarr mill-kompjant Imhallef William Harding ghar-rigward tat-thaddim tar-regola *ne bis in idem*: "*The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act.*"

Illi ghalhekk kif gie sottolinjat iktar 'il fuq fis-sentenza citata l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi dwar id-dritt li l-ebda persuna li tkun ghaddiet minn procediment quddiem Qorti kompetenti dwar reat kriminali (sew jekk tkun inhelset mill-akkuza u sew jekk tkun instabet hatja) ma tista' terga' titressaq mixlija fi proceduri ohrajn dwar dak ir-reat jew xi reat iehor li ghalih setghet instabet hatja fl-ewwel procediment.

Illi imbaghad l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni, li jifforma parti mil-ligi ta' Malta, jipprovdi li hadd ma jista' jigi pprocessat jew ikkastigat ghal darba ohra fi procediment kriminali taht il-gurisdizzjoni tal-istess Stat ghal xi reat li dwaru jkun gie ipprocessat (kemm jekk ikun inheles kif ukoll jekk ikun instab hati) skond il-ligi u l-procedura penali f'dak l-Istat. L-imsemmi artikolu jaghmel eccezzjoni fil-kaz li, skond il-ligi u l-procedura penali ta' xi Stat, kaz jista' jerga' jinfetah jekk ikun hemm provi ta' fatti godda li jkunu ghadhom kif irrizultaw, jew jekk fl-ewwel procediment ikun sehh xi "vizzju fondamentali", li f'kull kaz minnhom jista' jkollhom effett fuq kif jisvolgi l-kaz.

Illi il-Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-decizjoni fl-ismijiet Sergey Zolotukhin vs Russja moghtija mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem:

"*takes the view that Article 4 of Protocol No. 7 must be understood as prohibiting the prosecution or trial of a second 'offence' in so far as it arises from identical facts or facts which are substantially the same. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of new prosecution, where a prior acquittal or conviction*

*has already acquired the force of res judicata. At this juncture, the available material will necessarily comprise the decision by which the first 'penal procedure' was concluded and the list of charges leveled against the applicant in the new proceedings. Normally, these documents would contain a statement of facts concerning both the offence for which the applicant has already been tried and the offence for which he or she stands accused. In the Court's view, such statements of fact are an important starting point for its determination of the issue whether the facts in both proceedings were identical or substantially the same. The Court emphasises that it is irrelevant which parts of the new charges are eventually upheld or dismissed in the subsequent proceedings, because Article 4 of Protocol No. 7 contains a safeguard against being tried or being liable to be tried again in new proceedings rather than a prohibition on a second conviction or acquittal. The Court's inquiry should therefore focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings"*[6]

Illi kif inghad bis-shubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja u fid-dawl tal-fatt illi skond l-Artikolu 1 tal-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, din il-kwistjoni ta' territorjalita' giet imwessa sabiex il-gurisdizzjoni ma hijiex limitata biss ghall-Istat Membru li fih ikun inbeda tali procediment, izda anke l-Istati Membri l-ohra fejn allura il-principju tan-*ne bis in idem* gie rikonoxxut bhala principju fundamentali tal-ligi kommunitarja. Ghalkemm ghandu jinghad illi min ezami kemm tad-dritt komunitarju kif ukoll tal-Qorti Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem jidher illi l-interpretazzjoni ta' dan il-principju ta' dritt hija wahda komuni fis-sens illi l-Qorti trid tinvestiga u tara jekk il-fatti jew l-azzjonijiet humiex marbuta flimkien fiz-zmien u fl-ispajzu, iktar milli jekk hemmx intenzjoni kriminuza unika u immaterjalment mill-klassifikazzjoni legali moghtija lil dawk il-fatti fl-Istati Membri differenti. Dan ghaliex huwa indubitat illi jekk il-fatti tal-kaz huma marbuta flimkien allura l-provi ser ikunu identici ghalkemm l-akkuzi jista' ikun differenti.

Illi maghmula dina l-esposizzjoni legali u gurisprudenzjali dwar il-ligijiet kollha fis-sehh fil-qafas legislattiv ta' pajjizna, jidher mill-atti processwali illi l-akkuzat li kien jinsab ghaddej proceduri kriminali f'pajjizna mal-komplici tieghu dwar ftehim jew assocjazzjoni bejn diversi nies sabiex tigi ittraffikata u importata gewwa Malta ammont konsiderevoli ta' droga mill-Olanda, ghal xi raguni li ma tirrizultax mill-atti

[6] Il-Pulizija vs John Micallef – Prim'Awla kost. 28/02/2007

processwali u li tisfuggi lil din il-Qorti, gie ipprocessat gewwa t-tribunal ta' Catania dwar l-importazzjoni ta' dik id-droga gewwa l-Italja. Illi dan jirrizulta minn qari kemm tal-mandat ta' arrest ewropew kif ukoll mid-decizjoni moghtija mit-tribunal ta' Catania, it-tnejn esebieti in atti. Illi t-test li ghandu jigi applikat minn din il-Qorti huwa dwar l-identita ta'l-atti materjali u cioe' tal-fatti marbuta flimkien tal-kaz u dan immaterjalment mill-offiza li titwieled abbazi ta' dawk il-fatti. Illi kif iddecidiet l-Qorti tal-Ġustizzja Ewropeja l-uniku kriterju rilevanti għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS huwa l-kriterju ta' l-identiċità tal-fatti materjali, mifhuma bħala l-eżistenza ta' ġabra ta' ċirkustanzi konkreti inseparabbilment marbuta bejniethom. Sabiex jiddeterminaw jekk teżistix tali ġabra ta' ċirkustanzi konkreti, din il-Qorti għandha tiddetermina jekk il-fatti materjali taż-żewġ proċeduri jikkostitwixxux ġabra ta' azzjonijiet inseparabbilment marbuta fiż-żmien, fl-ispazju kif ukoll permezz tas-suġġett tagħhom. "Minn dan isegwi li l-punt tat-tluq għall-evalwazzjoni tal-kunċett ta' l-"istess azzjonijiet" fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-KIFS huwa evalwazzjoni globali ta' l-imġieba illegali konkreta li tat lok għall-proċeduri kriminali quddiem il-qrati taż-żewġ Stati kontraenti[7]."

Stabbilit dan allura, ma hemmx dubbju illi ghalkemm l-akkuzat gie sottopost ghal proceduri penali gewwa l-Italja dwar l-komplicita fl-importazzjoni tad-droga kokajina u cannabis, liema droga qatt ma wasslet fi xtutna. madanakollu jidher illi l-assocjazzjoni li dwaru Bone jinsab akkuzat f'dawn il-proceduri ikopri fatti ohra li ma kenux il-mertu tal-fatti esposti quddiem il-Qorti f'Catania. Fil-fatt jekk wiehed ihares lejn id-deposizzjoni ta' Neil Harrison, dak iz-zmien supretendent tal-pulizija, fl-atti kumpilatorji ghandu jirrizulta illi l-akkuzat kien sahansitra allegatament mar f'zewg okkazjonijiet gewwa l-Olanda bil-hsieb li tigi importata d-droga gewwa Malta u mhux biss dik l-okkazzjoni fejn huwa gie imwaqqaf mill-pulizija taljana. Ighid hekk Neil Harrison:

**"Lejn Dicembru tas-sena Ii ghaddiet 2001, kellna indikazzjoni illi kienet ser issir drug run, kienet ser tigi importata f'Malta xi droga mill-Olanda u l-persuni Ii kienu I-mohh wara din I importazzjoni tad-droga kien hemm min kien qieghed il-habs. ...**

**Fi Frar ta' din is-sena kien ikkonfermat illi persuni mportanti Ii kien fil-fatt ser itellghu l-flus u .... li kienu ser inizzlu d-droga, kienu Raymond Borg maghruf bhala I-Borza mill-Belt, u Fabio Psaila minn St. Venera u Romeo Bone mill-**

[7] **Norma Kraaijenbrink, -** C-367/05 - 18 ta' Lulju 2007

**Furjana. Dwar Raymond Borg u Fabio Psaila illum il-gurnata dawn jinsabu arrestati l-Habs gewwa Catania. Fil-fatt fit-28 ta' Frar ta' din is-sena, ghall-habta tad-disgha ta' fil-ghodu, Raymond Borg u Romeo Bone telqu f'titjira ghall-Amsterdam diretta KM 420, fil-fatt telqu Amsterdam pero' telqu via Brussels, il-flight KM 420 ghal Brussels. Mill-provi Ii ghandna u I-informazzjoni Ii hemm huwa Ii fil-fatt huma minn Brussels marru Amsterdam. Fit-3 ta' Marzu ta' din is-sena wkoll, certu Raymond Magri mill-Belt ukoll halla Malta f'flight KM 420 ghal Brussels, fil-fatt il-flight telqet ghal xi l-erbgha neqsin ghaxra ta' wara nofs inhar, fejn huwa gewwa l-Olanda iltaqa' ma Raymond Borg u Romeo Bone. Fil-fatt inizjalment dan Raymond Magri kellu jkun involut f'din l-operazzjoni pero' ghalkemm tela' l-Olanda, mill-informazzjoni Ii ghandna huwa la tella' flus, l-indikazzjoni kienet ii kellu jtella' flus inizjalment pero' kien hemm tibdil fil-pjanijiet u flus ma ttellghux aktar .Fil-fatt it-tibdil fil-pjanijiet kien minhabba Ii dawn iz-zewg persuni Ii semmejt Raymond Borg u Romeo Bone ma kienux tellghu flus bizzejjed maghhom u ghaldaqstant il-persuna Ii kellha taghtihom il-kokaina go l-Olanda ma kinitx ser taghtihom kokaina. u kellhom jigu lura Malta sabiex isiru aktar arrangamenti mal-persuni I-ohra involuti f'dan il-kaz, biex jaraw hux ser jibghatu iktar flus jew le.**

**Fil-fatt gew lura fis- 7 ta' Marzu dawn it-tlett persuni f'daqqa. Raymond Borg, Romeo Bone u Raymond Magri, gew lura fuq flight minn Brussels KM421 ghall-habta ta' l-erbgha ta' wara nofs inhar. Fil-fatt dakinhar il-flus baqghu l-Olanda mas-supplier tad-droga u ma ngiebet l-ebda droga f'Malta wkoll. Fil-fatt l-importazzjoni tad-droga giet posposta ghal data aktar tard, minhabba kif diga' ghidt nuqqas ta' fondi u minhabba wkoll li ma kienux saru pjanijiet sew kif ser titnizzel id-droga f'Malta, ma kienux ghadu stabbilit pjan kif ser titnizzel id-droga f'Malta.**

**Fil-frattemp kienu ghadu qed isiru kuntatti wkoll ma' barra minn Malta. ma' persuni ohra involuti f'dan il-kaz. Fil-fatt kien innotat ukoll Ii Raymond Borg u Romeo Bone kienu jmorru ta' spiss. kienu jmorru darba kull gimgha zgur jaraw lil Charles Muscat gewwa l-Habs, jaghmlulu visit hemmhekk. Fil-fatt kienu qed isiru arrangament u ftehim biex jaraw kif ser tingieb id-droga Malta pero' kien ghadu ma stabbilit xejn."**

Wara dan imbaghad in segwitu sehh il-ftehim fejn l-akkuzat imbaghad effettivament erhilha gewwa l-Olanda flimkien ma' persuna ohra fejn allegatament giet akkwistata d-droga. Gara izda illi l-pulizija taljana li kienu qed isegwuh, wara informazzjoni

mghoddija lilha mill-pulizija maltija. waqqafuh, izda billi l-pulizija taljana ma sabux droga fil-pussess tieghu Bone thalla jirritorna lejn Malta. Dan sehh billi d-droga kienet inhbiet u kien biss xhur wara meta Raymond Borg u Fabio Psaila telghu f'Sqallija biex jiehdu id-droga minn din il-mohba illi gew imwaqqfa u arrestati mill-pulizija taljana. Illi sussegwentement abbazi ta' dawn l-ahhar azzjonijiet fejn l-akkuzat allegatament kien fil-pussess tad-droga gewwa Sqallija gie ipproccessat fil-Qorti l-Italja, u gie illiberat fuq nuqqas ta' provi illi kien hemm il-komplicita bejnu u bejn Borg u Psaila.

Illi minn ezami ta' dawn il-fatti li jemergu kemm mill-atti kumpilatorji, kif ukoll mis-sentenza moghtija mit-Tribunal f'Catania, huwa indubitat illi l-akkuza addebitata lil Bone f'dawn il-proceduri tkopri fatti u cirkostanzi li certament ma jistghux ikunu marbuta mal-att materjali wahdu fejn allegatament sehhet l-importazzjoni tad-droga gewwa l-Italja. Dan ghaliex hawnhekk titwieled azzjoni separata u distinta mill-azzjoni li wasslet lil Bone gewwa l-Italja. Anke l-investigazzjoni tal-pulizija maltija sa dan il-punt u cioe' sal-wasla ta' Bone fl-Italja kienet distinta mill-investigazzjoni li imbaghad segwiet fejn necessarjament kellhom jigu involuti il-pulizija taljana. Ghalhekk ghalkemm soggettivament jista' jidher illi l-azzjonijiet inkriminatorji maghmula mill-akkuzat jistghu ikunu marbuta, madanakollu il-Qorti hija tal-fehma illi oggettivament ma tistax tirriskontra dan l-irbit bejniethom billi il-ftehim, l-assocjazzjoni li taghha l-akkuzat kien jifforma parti, wassal sabiex allegatament saru azzjonijiet minnu li ma kenux jiffornaw il-bazi tal-process gudizzjarju gewwa l-italja. Il-fatt illi l-akkuzat kien diga telgha gewwa l-Olanda bil-hsieb illi tingieb id-droga Malta, ghalkemm dan ma irnexxiex billi allegatament ma kienx hemm flus bizzejjed dak inhar sabiex tigi iffinanzjata dina l-attivita, wahedha tista' twassal sabiex ir-reat addebitat lilu jista' jissussisti. Dan qed jinghad mill-Qorti minghajr ma hija ser tinoltra ruhu fil-fattispecje tal-kaz billi dan ghandu jigi imholli interament f'idejn il-gurati. Illi fuq kollox ir-reat ta'l-assocjazzjoni huwa ikkunsmat hekk kif isehh il-pjan miftiehem. Jidher illi dan il-pjan sehh u l-akkuzat allegatament erhilha lejn l-Olanda biex jigi attwat dan il-pjan, izda dan falla minhabba f'nuqqas ta' finanzi. Sussegwentement rega sar pjan mill-gdid fejn din id-darba dan allegatament irnexxa u id-droga giet ittrasportata u kif inghad intercettata gewwa l-Italja.

Illi ghalhekk ghalkemm il-linja ta' demarkazzjoni hija wahda sottili billi jista' jirrizulta soggettivament, kif tikkontendi del resto id-difiza illi l-fatti huma identici u il-kaz huwa wiehed, madanakollu l-Qorti ma tistax taqbel ma din il-linja difenzjonali

u dan ghaliex jirrizulta illi l-fatti addebitati lill-akkuzat permezz tal-presenti istanza jikkostitwixxu imgieba illegali usa minn dik mistharrga fil-Qorti fl-Italja ghar-raguni hawn fuq indikata. Illi fil-kaz ta' Norma Kraaijenbrink hawn fuq iccitat, l-Qorti tal-Gustizzja Ewropeja qieset illi 'azzjonijiet differenti li jikkonsistu, b'mod partikolari, minn naħa, fiż-żamma fi Stat kontraenti ta' somom ta' flus miksuba mit-traffikar ta' drogi u, min-naħa l-oħra, fl-iskambju f'uffiċċji tal-kambju fi Stat kontraenti ieħor ta' somom ta' flus bl-istess oriġini m'għandhom jitqiesu bħala l-"istess azzjonijiet" fis-sens ta' l-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni li timplementa l-Ftehim ta' Schengen minħabba s-sempliċi fatt li l-qorti nazzjonali kompetenti tikkonstata li l-imsemmija azzjonijiet huma marbuta b'intenzjoni kriminali komuni.' Bl-istess mod f'dan il-kaz l-assocjazzjoni ai fini ta' importazzjoni u traffikar ta' droga gewwa Malta ma tistax titqies bhala tikkomprendi 'l-istess azzjonijiet' li sehhew gewwa l-Italja u dan fis-sens stabbilit fil-ligi.

Ghal dawn il-motivi, fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali, il-Qorti, qieghda tichad **l-eccezzjoni ta'** ***ne bis in idem*** sollevata mill-akkuzat Romeo Bone.

Tiddifferixxi l-kawza *"sine die"*, sakemm ikun maghruf l-ezitu ta' xi appell eventwali, u jekk ma jkunx hemm tali appell, il-kawza tigi appuntata sabiex ikompli s-smiegh tal-kumplament tal-eccezzjonijijet mressqa mill-akkuzat.

Sadattant l-akkuzat jibqa' fl-istess stat li huwa llum ghar-rigward tal-liberta' provizorja

**Edwina Grima**

**Imhallef**